MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru 278/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**TAREK AYARI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Tarek Ayari ta’ 30 sena, iben Ahmed Ayari u Aisha nee’ Dridi, imwieled Tunezija fis-16 ta’ Lulju 1975 u joqghod 25, The Meadows, Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar. Nru tal-passaport Z 596735 gie akkuzat:

Talli fis-27 ta’ Novembru 2005 ghall-habta tad-9:00 p.m. fil-Qawra, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommetta serq ta’ baskett, kontenenti telefon cellulari, flus kontanti u xi

dokumenti, minn fuq il-persuna ta’ Janet Staves Booth ta’ nazzjonalita’ Ingliza, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, diretta kontra persuna li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena u bil-hin;

U aktar talli fis-27 ta’ Novembru 2005 u fil-jiem ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Aktar talli fis-27 ta’ Novembru 2005 ghall-habta tad-9.00 p.m. fil-Qawra, flimkien ma’ persuna ohra bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil Janet Staves Booth ta’ nazzjonalita’ Ingliza kontra l-volonta’ taghha;

Fl-ahhar nett talli fil-jiem ta’ qabel it-23 ta’ Marzu 2006 f’dawn il-Gzejjer ta’ falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu u partikolaritajiet ohra.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-16 ta’ Jannar, 2007 inseriti a fol. 108 tal-atti processwali.

Innutat li l-imputat Tarek Ayari iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li t-tielet akkuza migjuba kontra l-

imputat hija akkuza allaccjata mal-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghaldaqstant, stante it-talba tieghu ghall-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza peress li din l-akkuza hija alternattiva ghat-2 akkuza, talab li l-Qorti tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuza.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tat-tieni akkuza u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 334, 17(b), 20, 533 u 338(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Tarek Ayari, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Tarek Ayari ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija.

Inkwantu ghall-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Tarek Ayari, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni rigward l-imsemmija l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Tarek Ayari.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Tarek Ayari ihallas minnufih lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tmienja u tmenin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmi (Lm88.26c)

bhala spejjez inkorsi rigward l-inkarigu tal-Espert Martin Bajada.

Finalment, il-Qorti tordna li mill-piena karcerarja imposta b'din is-Sentenza fil-konfront tal-imputat Tarek Ayari, ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv rigward dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------